

32004D0159

20.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 50/63

## ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Frar 2004

**li tamenda għat-tieni darba d-Deċizzjoni 2002/975/KE dwar l-introduzzjoni tal-vaċċinazzjoni li tissupplimenta l-miżuri intiżi sabiex jikkontrollaw l-infezzjonijiet b'influwenza baxxa patoġenika avjana fl-Italja kif ukoll fuq miżuri speċifiċi ta' kontroll tal-moviment tat-tjur involuti**

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 393)

(Test ta' rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/159/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji kif ukoll żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali ħajjin u prodotti tagħhom sabiex jikkirkolaw fis-suq intern <sup>(1)</sup>, kif kienet emendata dan l-aħħar permezz tad-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 10(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar il-kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju sabiex jikkirkolaw fis-suq intern <sup>(3)</sup>, kif emendata riċentement permezz tar-Regolament (KE) Nru 806/2003 <sup>(4)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/40/KEE tad-19 ta' Mejju 1992 li introduċiet il-miżuri Komunitarji dwar il-kontroll tal-influwenza avjana <sup>(5)</sup>, kif riċentement emendata permezz tar-Regolament (KE) Nru 806/2003 tad-19 ta' Mejju 1992, u partikolarment l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

- (1) F'Ottubru 2002, l-Italja rraportat lill-Kummissjoni li kienu instabu xi infezzjonijiet ta' influwenza avjana ta' livell patoġeniku baxx tas-sub-tip H7N3 fir-reġjuni tal-Veneto u tal-Lombardija u li l-epidemja kienet qegħda tinfirx malajr.
- (2) Sussegwentement, l-awtoritajiet Taljani ħadu azzjoni aggressiva nkluzja d-distruzzjoni tal-merħliet infettati sabiex jikkontrollaw il-propagazzjoni tal-infezzjoni. Bħala miżura supplimentari l-awtoritajiet Taljani talbu wkoll għall-approvazzjoni sabiex jitwettaq programm ta' vaċċinazzjoni kontra l-influwenza avjana ta' għallinqas 18 il-xahar sabiex jevitaw il-firxa akbar tal-infezzjoni.
- (3) Il-programm ta' vaċċinazzjoni ġie approvat permezz tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2002/975/KE <sup>(6)</sup>, li stabbiliet ir-regoli dwar il-vaċċinazzjoni kontra l-influwenza avjana fl-area deskritta fuq l-Anness. TId-Deċizzjoni nkludiet

ukoll miżuri speċifiċi ta' kontroll bħar-restrizzjoni tal-moviment fuq it-tjur domestiċi ħajjin, l-inkubazzjoni u l-bajd għall-ikel fil-Kummerċ intra-Komunitarju.

- (4) Meta kien għadda xi ftit taż-żmien ġie suġġerit illi l-programm approvat tal-vaċċinazzjoni jiġi emendat sabiex jinkludi l-possibiltà ta' vaċċinazzjoni tat-tjur domestiċi tat-tagħmir u li jiġu modifikati l-iskemi tal-vaċċinazzjoni applikati għall-kategoriji differenti tat-tjur domestiċi, partikolarment ta' dawk li jbidu. Ir-restrizzjonijiet fuq iż-żamma ta' ċerti kategoriji ta' tjur domestiċi l fuq minn ċerta eta' definita kellhom jiġu miżjuda waqt li kellha tkun ikkunsidrata l-evoluzzjoni favorevoli epidemjoloġika fil-prevalenza ta' l-infezzjonijiet tal-influwenza avjana f'dawn il-kategoriji.
- (5) Ir-restrizzjonijiet diġa' mħaddma fuq il-kummerċ intra-Komunitarju għall-prodotti ġejjin minn azjendi sitwati ġewwa radius definit madwar azjenda nfettata bl-influwenza avjana b'livell patoġeniku baxx għandhom jiġu riveduti u mwaqqfa basta jħallu li ċerti miżuri prekawzjonarji jibgħu jiġu mplementati.
- (6) It-"test diskriminatorju" (it-test iIFA) approvat permezz tad-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2001/847/KE <sup>(7)</sup> sabiex jintuża fuq id-dundjani issa ġie żviluppat aktar u l-applikazzjoni tiegħu fuq speċi oħra ta' tjur domestiċi, partikolarment fit-tiġieġ, għandu jipprovi l-garanziji neċessarji tas-saħħa tal-annimali għall-kummerċ intra-Komunitarju fil-laħam frisk derivat minn tiġieġ invaċċinati.
- (7) L-okkorrenza tal-infezzjonijiet tal-influwenza avjana bil-virus ta' patoġeniċità baxxa naqas ħafna matul dawn l-aħħar xhur; madankollu jidher li jkun xieraq illi l-programm ta' vaċċinazzjoni għandu jittawwal għal sitt xhur oħra sabiex jipproteġi l-popolazzjoni tat-tjur minn rikorrenza ta' din l-infezzjoni.
- (8) Deċizzjoni Nru 2002/975/KE għandha tiġi emendata f'dan is-sens.

<sup>(1)</sup> ĠU L 224, 18.08.90, p. 29.<sup>(2)</sup> ĠU L 315, 19.11.02, p. 14.<sup>(3)</sup> ĠU L 395, 30.12.89, p. 13.<sup>(4)</sup> ĠU L 122, 16.05.03, p. 1.<sup>(5)</sup> ĠU L 167, 22.06.92, p. 1.<sup>(6)</sup> ĠU L 337, tat-13.12.2003, p. 87. Deċizzjoni kif emendata bid-Deċizzjoni Nru 2003/436/KE (ĠU L 149, tas-17.6.2003, p. 33).<sup>(7)</sup> ĠU L 315, 01.12.01, p. 61.

- (9) Huwa anke xieraq illi tittieħed din l-opportunita' sabiex jiġu mħassra d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2000/149/KE <sup>(1)</sup>, 2003/153/KE <sup>(2)</sup>, 2003/359/KE <sup>(3)</sup> u 2003/428/KE <sup>(4)</sup>, b'relazzjoni mal-okkorrenza tal-influenza avjana b'livell patoġeniku għoli li faqqet fl-Italja fl-2000 u fl-Olanda u l-Belġju fl-2003, u li m'għadhomx aktar applikabbli.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Ikel u s-Saħħa tal-Animali,

ADDOTTATA DIN ID-DEĊIŻJONI

*L-Artikolu 1*

L-emendamenti mitluba mill-Italja għall-programm ta' vaċċinazzjoni approvati permezz tad- Deċiżjoni 2002/975/KE li jikkonċernaw partikolarment:

- (a) the possibility of vaċċinazzjon breeding poultry::
- (b) il-modifikazzjoni tal-iskemi tal-vaċċinazzjoni għall-kategoriji differenti ta' tjur domestiċi skond l-istatus immuni tagħhom, u partikolarment ta' dawk li jbidu;
- (c) il-modifikazzjoni tal-programm li jimmonitorja t-tjur domestiċi li joriġinaw mill-area vvaċċinata;
- (d) the use of an additional heterologous vaccine li jkunu jinsabu fi the strain A/ck/l-Italja/1067/1999/H7N1;
- (e) il-prolongament tat-tul tal-ħajja ta' ċerti kategoriji ta' tjur domestiċi; u
- (f) il-prolongament tal-programm ta' vaċċinazzjoni għal sitt xhur oħra (total ta' 24 xahar),

huma b'dan approvati.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2002/975/KE hija amendata kif ġej:

1. L-Artikolu 3(3) huwa mħassar.
2. (a) Fl-Artikolu 5(1)(c) il-kliem "tlett kilometri" jiġi mibdula bil-kelma "kilometru".

- (b) Fl-Artikolu 5(2) u (3) il-kliem "u t-tiġieġ" u "u tiġieġa" għandhom jidħlu wara l-kliem "dundjani" u "dundjan" rispettivament, u minnflok "ikel tad-dundjan" għandek taqra "ikel tad-dundjan u t-tiġieġ".

3. (a) Fl-Anness II, l-ewwel paragrafu, il-kliem "u t-tiġieġ" għandhom jidħlu wara l-kelma "dundjani".

- (b) Fl-Anness II, il-punt 2 għandu jinbidel b'dan li ġej:

**"2. L-użu tat-test sabiex jintbghat dundjan frisk u laħam tat-tiġieġ mill-area vvaċċinata fl-Italja lill-Istati Membri l-oħra.**

Il-laħam tad-dundjani u t-tiġieġ invvaċċinati kontra l-influenza avjana jista' jintbagħt lill-Istati Membri l-oħra, sakemm t-tjur kollha jinżammu fl-istess bini, kampjuni tad-demmi ikunu ttieħdu mill-uffiċjal veterinarju sa sebgħa t'jiem qabel il-qatla minn almenu 10 dundjani jew tiġieġ invvaċċinati ddestinati għall-qatla. Madankollu, fejn it-tjur domestiċi huma miżmuma fiżjed minn grupp wieħed jew f'diversi barakki, almenu 20 tajra vvaċċinata magħżula bl-addoċ mill-gruppi jew barakki kollha fir-rażżett għandhom jintgħażlu b'laħa kampjuni."

*Artikolu 3*

Id-Deċiżjonijiet Nri 2000/149/KE, 2003/153/KE, 2003/359/KE and 2003/428/KE huma mhassra.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fis-16 ta' Frar 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membri tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 50, 23.02.00, p. 22.  
<sup>(2)</sup> ĠU L 59, 04.03.03, p. 32.  
<sup>(3)</sup> ĠU L 123, 17.05.03, p. 59.  
<sup>(4)</sup> ĠU L 144, 12.06.03, p. 15.